**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 ta' Lulju, 2018.**

**Talba Nru: 538/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Bliznakova Stefka Ilieva**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-27 ta' Novembru 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' tlett elef mitejn u erbgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€3,274.95ċ) dovuti kwantu għas-somma ta' elfejn u erbgħa u sebgħin Ewro u sitt ċenteżmi (€2,074.06ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40473426 u l-bilanċ ta' elf u mitejn Ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€1,200.89ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40512752, parti mil-liema servizzi kienu kuntrattati mas-soċjeta' Mobisle Communications Ltd li, b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015, kienet amalgamata fis-soċjeta' GO plc, bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 1216/16, u bl-imgħaxijiet.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta' din il-kawża (Doki. A1 u A2, fol. 2-3); (ii) kopja tal-kuntratt li l-konvenuta kellha mas-soċjeta' attriċi u l-awtriċi tagħha

(Doki. B1 sa B3, fol. 4-6); (iii) ċertifikat tal-amalgamazzjoni tas-soċjeta' Mobisle Communications Ltd fis-soċjeta' attriċi (Dok. B4, fol. 7); (iv) kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 1216/2016 (Dok. C, fol. 8); u (v) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenut (Dok. D, fol. 9).

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju 2018, Paul Gatt għas-soċjeta' attriċi ddikjara bil-ġurament li l-konvenuta għadha debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' tlett elef mitejn u erbgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€3,274.95ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**